KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa**

**IT-TMIEM LEĠIŻLATURA**

**Laqgħa Numru 13**

**It-Tnejn 12 ta' MEJJU 2025**

Il-kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fit-Town Centre, Triq ir-Regimenti Maltin, l-Imtarfa fis-6:00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dale Hayman – Sindku
Len Abela Vassallo – Viċi Sindku
Simon Fenech – Kunsillier
Antoine Vella – Kunsillier

**Assenti B'APOLOĠIJA (skond ordni Permanenti 14A (3):**

Anton Mifsud – Kunsillier

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI**

Shawn Tanti – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

### 13.1 Qari tal-Apoloġiji

13.1.1 Is-SE informa li s-Sur Anton Mifsud talab sabiex ikun skużat.

### 13.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

13.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) preżentat il-minuti tal-laqgħa numru 13 li kienu meqjusa moqrija.

13.2.2 Il-minuti tas-seduti ġew approvati b'mod unanimu u ġew ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

### 13.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

### 13.4 Stand taż-żibel

13.4.1 Is-Sindku propona sabiex titneħħa l-istand taż-żibel fi Triq Sir Temi Zammit kantuniera ma Philip Pullicino, kif ukoll dik ta Binja Qlejgħa għandha tiċċaqlaq aktar lejn in-naħa tat-Triq. Il-Kunsill qabel ukoll sabiex ma jsirux stands taż-żibel fl-area tal-barracks.

### 13.5 Ħarġa Għal-Għawdex u Christmas Market

13.5.1 Is-Sindku propona sabiex issir ħarġa għal-Ghawdex kif ukoll sabiex jerġa jsir il-Christmas Market bħas-snin preċidenti. Is-SE nforma li permezz ta skemi l-Kunsill Lokali se jibbenefika minn fondi sabiex dawn ikunu jistgħu jsiru.

### 13.6 Traffic Management u Proġetti

13.6.1 Is-Sindku flimkien mal-Kunsillier Antoine Vella ppreżentaw l-istudju li inbgħat lil-Kunsill Lokali mil-esperti imqabbda apposta sabiex ituna stampa aktar ċara ta' kif dan il-pjan għandu jkun. Kopja ta' dan l-istudju se tkun qed tiġi annessa ma dan id-dokument. Kien hemm qbil fuq il-prinċipju. Dettalji ta' x ġie diskuss jinsabu fuq l-istudju inniffsu (Anness)

## 13.7 Ħamiem

13.7.1 Permezz ta-Regjun Tramuntana ingħatajna vendilaturi sabiex ikunu nistgħu nagħlqu il-vendilaturi fejn hemm il-problema tal-Ħamiem. IS-SE għandu jingħat ittra lir-residenti sabiex dawk li ma jaqblux ma dan għandhom javżaw lil-Kunsill minnufih.

## 13.8 Punti Oħra

13.8.1 **Il-Kunsillier Simon Fenech sostna li ladarba ma jkunx hemm periklu huwa jaqbel mal-proposti imsemmija.**

Il-Viċi Sindku semma li għandna noħorġu espressjoni ta: Interess lil-ħwienet tal-madwar sabiex jibdew ibiegħu il-biljetti għal-arloġġ u visitor centre. B'hekk nkunu qed nippromovu l-Imtarfa filwaq li inġibu aktar nies lejn il-Belt il-Gmiel.

Il-Kunsillier Antoine Vella zid billi qal li għanda nkelmu lil tat-train sabiex naraw hux possibbli li issir waqfa l-Imtarfa kif ukoll nippruvaw nirranġaw meeting mal tal-Hop on Hop Off.

13.8.2 Is-Sindku Dale Hayman sostna li għandna napplikaw għal-iskema SPI/SCI/072025 – Komunitajiet aktar aktar b'saħħithom u ta kwalità. Il-Kunsill qabel li għandna napplikaw.

## 13.9 Kunsiderżżjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

13.9.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagameni (Skeda Nru. 12/2025), kopja tagħha mehmuża. Il-Kunsillier Vella propona l-approvażżjoni filwaqt li l-Kunsillier Fenech issekonda u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku u mis-SE.

## 13.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

13.10.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7:30pm u kien hemm qbil li s-seduta li jmiss tinżamm nhar Erbgħa 25 ta' Ġunju 2025

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Dale Hayman | Shawn Tanti |
| Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |